li tipprovdi l-elettriku fin-netwerk interkonness Grieg bi prezzijiet baxxi, fi kwantitajiet ikbar u għal perijodu itwal, kollha huma għaldaqstant elementi li jindikaw aġir abbużiv (għalkemm il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma teżiġix li jiġi stabbilit aġir ta' dan it-tip, fid-dawl tal-fatti speċifiċi tal-kawża inkwistjoni).

— Barra minn hekk, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li l-kompetituri ta' DEI kellhom bżonn ta' firxa diversifikata ta' sorsi, inkluż aċċess għal kwantitajiet suffiċjenti ta' linjite, sabiex ikunu jistgħu jaċċedu, jibqgħu joperaw b'mod sostenibbli fit-tul u jipparteċipaw b'mod effikaċi fil-kompetizzjoni fis-suq tal-elettriku. Dan l-element kien neċessarjament magħruf kemm mir-Repubblika Ellenika, li ma tatx awtorizzazzjonijiet ta' sfruttament tad-depożiti sfruttabbli ta' linjite lill-kompetituri potenzjali ta' DEI, kif ukoll minn DEI nnifisha, meta kienet timplementa d-drittijiet kważi monopolistiċi tagħha, billi tuża l-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq primarju tal-linjite bħala lieva sabiex tkabbar u żżomm il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq sekondarju tal-provvista bl-ingross tal-elettriku, u dan ostakola jew eskluda lill-kompetituri potenzjali ġodda milli jaċċedu għall-imsemmi suq sekondarju.

## Appell ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2012 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tal-20 ta' Settembru 2012, fil-Kawża T-421/09, DEI vs Il-Kummissjoni

**(Kawża C-554/12 P)**

(2013/C 32/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

### Partijiet

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: Th. Christoforou, A. Antoniadis u A. Oikonomou, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Dimosia Epicheirisi Ilektrismou AE (DEI) u r-Repubblika Ellenika

### Talbiet tal-appellanti

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-20 ta' Settembru 2012 fil-Kawża T-421/09 fl-intier tagħha;

— tagħti sentenza definittiva dwar il-kontroversja fil-mument meta jitqies li l-istat tal-atti jippermetti dan;

— tikkundanna lid-DEI għall-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni għaż-żewġ istanzi.

### Aggravji u argumenti prinċipali

(1) Permezz tas-sentenza tagħha fil-Kawża T-421/09, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-4 ta' Awwissu 2009, li permezz tagħha l-Kummissjoni kkunsidrat li l-miżuri korrettivi proposti mir-Repubblika Ellenika kienu neċessarji u proporzjonati sabiex jiġu annullati l-effetti tal-ksur u tiġi ggarantita l-konformità mad-deċiżjoni preċedenti tal-5 ta' Marzu 2008 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-4 ta' Awwissu 2009" jew id-"deċiżjoni kkontestata"). Il-Qorti Ġenerali ddikjarat li d-deċiżjoni kkontestata kellha tiġi annullata, billi bbażat id-deċiżjoni tagħha biss fuq il-fatt li fil-frattemp, flimkien mas-sentenza fil-Kawża T-169/08 ukoll mogħtija fl-20 ta' Settembru 2012, kienet ġiet annullata wkoll id-deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2008, li fuqha kienet esklużivament ibbażata d-deċiżjoni kkontestata.

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni tqis li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-169/08 hija bbażata fuq numru ta' żbalji ta' liġi, motivazzjoni inkompleta u insuffiċjenti, interpretazzjoni żbaljata tal-provi u tal-bażi tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2008, hija diġà kkontestat din is-sentenza tal-Qorti Ġenerali. B'hekk, jekk tali kontestazzjoni tas-sentenza fil-Kawża T-169/08 tintlaqa', awtomatikament tkun nieqsa l-unika bażi li fuqha tibbaża ruħha s-sentenza fil-Kawża T-421/09, attwalment ikkontestata.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Tivoli (l-Italja) fit-3 ta' Diċembru 2012 — Claudio Loreti et vs Comune di Zagarolo

**(Kawża C-555/12)**

(2013/C 32/16)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Qorti tar-rinviju

Tribunale di Tivoli

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Claudio Loreti, Maria Vallerotonda, Attilio Vallerotonda u Virginia Chellini

*Konvenut:* Comune di Zagarolo

### Domandi preliminari

Huwa kkunsidrat neċessarju li ssir referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea b'talbiet għal deċiżjoni preliminari sabiex jiġi stabbilit jekk:

(1) huwa kompatibbli l-Artikolu 7 tal-Codice del processo amministrativo (Kodiċi tal-proċedura amministrattiva) fis-seħħ fir-Repubblika Taljana li, bis-saħħa tal-Artikolu 103 tal-Kostituzzjoni Taljana, li jipprovdi li:

"Quddiem il-qorti amministrattiva għandu jitressaq it-tilwim, li fih tqum il-kwistjoni tal-interessi leġittimi u, fis-suġġetti partikolari indikati mil-liġi, ta' drittijiet suġġettivi, li jikkonċernaw l-eżerċizzju jew in-nuqqas ta' eżerċizzju tas-setgħa amministrattiva, fir-rigward ta' provvedimenti, atti, ftehim jew aġir li anki indirettament jagħtu lok għall-eżerċizzju ta' tali setgħa, u li jirriżultaw minn amministrazzjonijiet pubbliċi. Ma jistgħux jiġu kkontestati atti jew provvedimenti mill-Gvern fl-eżerċizzju tas-setgħa pubblika."

mal-Artikolu 6 tal-(Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali) u mal-Artikoli 47 u 52(3) tal-(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea), fid-dawl tal-emenda tal-Artikolu 6 (TUE);

(a) fil-parti fejn dan l-artikolu jattribwixxi lill-organi ġudizzjarji differenti s-setgħa li jiddeċiedu dwar pożizzjonijiet ġuridiċi suġġettivi li *in abstracto* huma diversifikati (interess leġittimu u dritt suġġettiv) iżda *in concreto* huma ta' identifikazzjoni diffiċli jew impossibbli u dan mingħajr ma tispeċifika l-kontenut konkret tagħha permezz ta' liġijiet;

(b) fil-parti fejn dan l-artikolu jipprovdi għal qrati kompetenti sabiex jiddeċiedu fuq l-istess suġġetti abbażi ta' kriterji (identifikazzjoni ta' pożizzjonijiet ġuridiċi suġġettivi differenti) li ma jissodisfawx ir-realtà fattwali wara l-introduzzjoni tal-possibbiltà ta' kumpens tal-interess leġittimu (li minn din id-data hija prevista mis-sena 2000 sabiex il-leġiżlazzjoni interna tiġi adattata mal-prinċipji Komunitarji) b'differenzi konsistenti anki mal-modalitajiet proċedurali tad-deċiżjonijiet?

kif ukoll, b'mod ġenerali,

(2) huwa kompatibbli l-Artikolu 103 tal-Kostituzzjoni Taljana, fil-parti fejn jipprovdi u jħares pożizzjonijiet ġuridiċi suġġettivi b'mod diversifikat (hekk imsejħa interessi leġittimi) li ma għandhomx korrispettiv fid-dritt Komunitarju billi jattribwixxi l-ġurisdizzjoni tagħhom lil sistemi ġudizzjarji differenti, li l-kompetenza tagħhom tinbidel perjodikament?

---

**Appell ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2012 mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fil-21 ta' Settembru 2012 fil-Kawża T-278/10 — Wesergold Getränkeindustrie GmbH & Co. KG vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

**(Kawża C-558/12 P)**

(2013/C 32/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentant: A. Pohlmann, aġent)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Wesergold Getränkeindustrie GmbH & Co. KG, Lidl Stiftung & Co. KG

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza appellata

— tikkundanna lir-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż tal-proċedura, kemm tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appell.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appell preżenti huwa dirett kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2012 fil-Kawża T-278/10, li annullat id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-24 ta' Marzu 2010 (Każ R 770/2009-1).

L-appellanti tibbaża l-appell tagħha fuq tliet aggravji:

L-ewwel nett hija tinvoka ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja [1], billi l-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell minħabba nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-karattru distintiv miksub, minkejja li skont il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali s-sinjali kunfliġġenti huma għal kollox differenti, b'tali mod li għal din ir-raġuni ma jista' jkun hemm l-ebda probabbiltà ta' konfużjoni.

It-tieni nett, l-appellanti tinvoka ksur tal-Artikolu 76(1) flimkien mal-Artikolu 64(1) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, billi dawn id-dispożizzjonijiet jeħtieġu li Wesergold Getränkeindustrie kellha tinvoka l-karattru distintiv miksub tat-trade marks kunfliġġenti, li madankollu ma jikkorrispondix mal-fatti. Wesergold Getränkeindustrie diġà waqqgħet l-argument tagħha dwar il-karattru distintiv miksub matul il-proċedimenti ta' oppożizzjoni, l-iktar tard waqt l-appell. L-affermazzjoni kuntrarja tal-Qorti Ġenerali li Wesergold Getränkeindustrie għamlet użu mill-argument dwar il-karattru distintiv miksub fl-appell, tikkostitwixxi żnaturament evidenti tal-fatti li ma jeħtieġ l-ebda prova ġdida.

It-tielet nett, is-sentenza tmur kontra l-ġurisprudenza stabbilita, billi żball ma jistax iwassal għall-annullament ta' deċiżjoni meta dan l-iżball evidentement ma għandu l-ebda impatt fuq id-deċiżjoni. Il-kwistjoni tal-karattru distintiv intrinsiku mhux biss huwa irrilevanti għad-deċiżjoni minħabba li l-Qorti Ġenerali stess innotat in-nuqqas ta' xebh tas-sinjali, iżda wkoll minħabba li Wesergold Getränkeindustrie ma pproduċiet l-ebda prova tal-karattru distintiv intrinsiku permezz tal-użu bid-dokumenti prodotti *prima facie* fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni. Il-Qorti